# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 58

It-Tnejn 6 ta' Frar 2012 fis-6.00pm

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar, fis-6.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu preżenti s-Sindku, l-Vici Sindku, w l-Kunsillieri, Vincent Farrugia, Peter Buontempo, Il-Kunsillier Raymond Azzopardi, Valerie Borg u Mario Camenzuli.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru. 57 li saret nhar t-**Tlieta 3 ta' Jannar, 2012,** kienu konfermati.

Is-seduta ġiet sospiża minħabba żewġ kelliema min MCAST għamlu presentazjoni lil kunsill regward proposta ta' l-uffiċċini l-ġodda tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta. Wara kull presentazjoni l-kunsillieri kellhom ħin għal mistoqsijiet.

**ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

- Is-Sindku nforma l-applikazzjoni li giet ssottomessa mal-MEPA ma gietx aċċettata għalhekk is-Sindku ssuggerixxa li noħorġu tender għal Perit biex nkunu nistgħu infitcu fondi ohra u anka napplikaw għal fond CPPS li huwa fond ta' €400,000 biex isir l-proġett ta' Parkeġġ addizjonali fil-Belt Valletta.

- Is-Sindku nforma li tlesta x-xogħol fi Triq San Nikola. Issa jmiss xogħol fuq Old Hospital u North street.

- Is-Sindku nforma li r-ritratti tal-*photo competition* ser nibgħatuhom lil Kunsill Lokali ta' Praga. Bhalissa qed isiru l arrangamenti meħtiega.

- Is-Sindku nforma l-Kunsill għandu f'idejh l-*compliance* tal-MEPA ta' Mattia Preti w għalhekk qed isiru l-preparamenti biex nkunu nistaw inkomplu bil-ftuħ tal-Pjazza.

- Is-Sindku nforma li tlestiet Toni Bajjada Lane u għalhekk issa ser isiru t-tabelli kif ukoll ser issir bollard biex dan is-sqaq jkun aċċessibli biss għar-residenti.

**KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

- Is-Sindku nforma li saret applikazzjoni ta' Twinning ma' Praga Distrett 6. Din l-applikazzjoni ssir direttament mal-Kummissjoni Ewropea ta' Brussell.

- Is-Sindku nforma li gie mistieden f'Bolzano biex jitkellem dwar l-eżami li għadu kif għadha minnu dwar il-V18. Is-Sindku reġgħa spjega r-rwol tal-Belt fil-V18 peress li l-Kunsillier Mario Camenzuli staqsa xi mistoqsijiet.

- Is-Sindku nforma lil kunsill ser jieħu sehem fi proġett URBACT parti mill-European Walled Towns. Għalhekk l-konsulent Dr Malcolm Borg kien ser jirrappreżenta lil Belt Valletta fl-ewwel laqgħa ta' preparamenti biex issir l-applikazzjoni.

- Is-Sindku nforma dwar Jum il-Belt. N-Nefqa kif stipulata mill-ligi hija dik ta' €3,500.00 u għalhekk sar qbil l-isiru l-attivitajiet kif isiru s-soltu.

- Is-Sindku nforma li kien rċieva l-ittra ta' riżenja tal-Works Coordinator Dominic Polidano.

- Is-Sindku nforma li kien ser isir tarmac fi Ġnien is-Sultan kif ukoll kienet ser tiġi r-restawrata l-funtana li hemm f'din il-pjazza. Ix-Xogħol ser jiġi f-finanzjat mill-Ministeru tal-Finanzi.

- Is-Sindku reġgħa fakkar dwar il-laqgħat tal-Kommunita' li kien ser isiru fix-xahar ta'Frar u Marzu. Il-Kunsill gie muri l-flyer li kien ser jigi mqassam fir-residenzi.

**KORRISPONDEZA**

- L-Kunsill rċieva korrispondenza min Agenzija Zgħazagħ biex nipparteċipaw fil-programm ta' Empowerment bil-għan li jinħoloq zvilupp ħolistiku taż-żgħazagħ. L-Kunsill qabel li għandna nieħdu sehem f'żewġ korsijiet. L-ispiża ta'dawn il-korsijiet kienet ser tiswa €150.00 għat-tnejn li huma. L-Kunsill kollu qabel dwar dan. L-Korsijiet huma – Kun kreattiv kif ukoll waqqaf sekwenza u kun il-bidla.

- L-Kunsill rċieva korrispondenza min Cities for Children u għalhekk din kienet mogħddija lil Faye l-community worker biex taħdem fuqha.

- L-Kunsill rċieva korrispondenza dwar Creative Thinking Workshops għat-tfal tal-Belt. In-nefqa hija ta' €975.00. L-Kunsill kollu qabel dwar dan.

- L-Kunsill rċieva korrespondenza dwar l-ħatra ta' l-Ordinazzjoni ta' l-Isqof Prospero.

- L-Kunsill rċieva korrespondenza min għand l-YMCA dwar attivita' Pavement Chalk Art Art Competition. Din l-korrispondenza titratta dwar permess għal attivita' kif ukoll biex nġibu sponsors.

- L-Kunsill rċieva korrespondenza min għand l-Mro Domnic Galea dwar tnedijja ta'album gdid. L-Kunsill qabel li għandhom jinxtraw CD's pero jkollu l-logo tal-Kunsill stampat.

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUNSILLIERI**

- IL-Kunsillier Raymond Azzopardi ressaq żewġ mozzjonijiet:
  - L-ewwel wahda biex il kunsill jinvesti f'tape recorder.
    - Ittieħed vot
      Fejn il-Kunsillier Azzopardi qabel minhabba il fatt li kien hemm xi disgwid mas-segretarji preċedenti.
      Is-Sindku tenna li il-ligi tippermetti lis-segratarja biss tirrekordja is-seduta tal-kunsill ghalhekk qed ihalli il-kwistjoni għad-disċrezjoni tas-Segretarja.
      Il-Vici Sindku, il-kunsillier Farrugia u il-Kunsillier Bontempo ma qablux li jinxtara it-tape recorder.
  - Biex l-kunsilliera jkollhom access liberu ta'dokumenti.
    - Sar qbil li l-kunsillieri jkollhom aċċess waqt il-laqgħa tal-kunsill kif ukoll fl-uffiċċju tas-Segretarja w ma joħrogx mill-uffiċċju tal-Kunsill.

- Il-Kunsillier Vincent Farrugia ta' informazzjoni dwar l-attivita' l-Belt terggħa tieħu l-ħajja.

- Il-Kunsillier Joseph Spiteri nforma li kien rċieva telefonata min għand Asphaltar dwar kont antik pendenti. Sar qbil li dawn għadhom jiltaqgħu fil-bini ta-Kunsill biex jkunu jafu xi ftehim kien hemm mas-segretarju ta'qabel u għafejn dan il-kont qatt ma ġie *settled*.

- Is-Sindku nforma dwar il-binja ta' Old Bakery street. Dan nforma li kien qed isegwi l-izvilupp mac-Chairman tal-MEPA.

- Il-Kunsillier Raymond Azzopardi saqsa dwar l-inizzjativa ta' ELC u s-segretarja nfurmat u għamlek referenza għal-laqgħa ta' qabel li l-Kunsill kien ser ikun parti min din l-inizzjattiva.

- Il-Kunsillier Raymond Azzopardi saqsa dwar l-planters li poggejna fiċ-ċentru saqsa dwar l-maintenance u dwar xi ħsara li kienet qed issir quddiem l-ħanut tax-xorb li hemm fi Triq San Gwann.

**AMMINISTRAZZJONI**

- Is-Segretarja nfurat kienet ser toħroġ s-sejħa ma' l-ETC għal *Town Centre Manager* kif approvat anke mid-departiment u l-kunsill.

**XIRI**

- Xiri ta' office desk u shelving min għand Atrium għal Staff gdid.

**TMIEM**

Fil-8.00pm intemmet is-Seduta.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku